MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2009

Talba Numru. 702/2008

**Swan Laundry and Dry Cleaning Limited (C - 2708)**

**vs**

**Santa Croce Malta Limited (C-40898) u Vincenzo Accolla**
**(Passaport numru AK9932506)**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas ta’ elfejn, erba’ mija u tlieta u tletin Euro u erbatax-il centezmu (€2,433.14), rapprezentanti bilanc ta’ prezz ta’ ‘*laundry services*’ rezi lis-socjeta’ konvenuta u lil Vincenzo Accolla.

Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju bin-numru 2640/08 u bl-imghax kummercjali mis-26 ta’ Awissu, 2008, li hija d-data ta’ l-ahhar ‘*invoice*’ kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenut Vincenzo Accolla (passaport numru AK9932506), ma pprezentax risposta, ghalkemm debitament notifikat u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra illi l-konvenut naqas li jidher ghas-seduta tal-lum.

Ra illi gie pprezentat kapitolu fis-seduta tal-10 ta' Gunju, 2009 mill-Avukat Paul Farrugia LL.D., u l-fatt illi l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Ra illi l-konvenut naqas milli jikkontesta l-kawza.

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal jiddeċiedi billi jilqa' t-talba attrici bl-ispejjeż u l-interessi skont il-Ligi u kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------